# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022**

**Talba numru 157/2021SFJ**

***INDOOR CREATIONS LIMITED (C13825)***
***VS.***
***MATHIEU SALOMON (233112L)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha elf u mitejn Ewro (€1,200) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' purtieri minnu ordnati;

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha eċċepixxa, *inter alia*, li huwa ma kienx debitur tas-soċjetà attriċi stante xogħol allegatament mhux skont is-sengħa u l-arti u mhux tal-kwalità pattwita;

Ra l-Kontro-talba ppreżentata kontestwalment mar-Risposta li permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonanti talab li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tkun ikkundannata tħallsu lura s-somma ta' tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300) stante li x-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi allegatament ma kienx skont is-sengħa u l-arti u ma kienx tal-kwalità pattwita;

Ra r-Risposta tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata ppreżentata fit-13 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha ċaħdet li kienet debitriċi tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-24 ta' Mejju 2022.

## Provi ppreżentati

Yves Muscat, direttur tas-soċjetà attriċi, qal li l-konvenut kien ordna purtieri għal żewġt ikmamar u li x-xogħol kien jikkonsisti f'servizz sħiħ, jiġifieri mill-ħjata u l-frilli tal-purtieri, sat-twaħħil fuq il-post. Huwa spjega li t-twaħħil tal-purtieri kien l-aħħar xogħol, jiġifieri xogħol li jsir wara li jkun tqiegħed il-madum u jkun tlesta xogħol tal-*gypsum*. Muscat qal li n-nies tiegħu kienu jkejlu quddiem il-klijent. F'dan il-każ, dan l-eżerċizzju sar fit-13 ta' April 2021. Muscat spjega li l-inkwiet beda fil-*master bedroom* fejn twaħħlu r-*rails* tal-purtieri u l-purtieri stess iżda l-klijent ma kienx sodisfatt. F'dak il-punt, Isaac Muscat, li kien hu li kien fiżikament fuq il-post, ċempel lil Yves Muscat biex dan ukoll imur fuq il-post billi l-klijent ma kienx sodisfatt. Ix-xhud spjega li meta wasal fuq il-post, sab lill-konvenut ma' ommu u maz-zija tiegħu u beda jgħid li l-purtieri kienu *uneven*, partikolarment ix-*sheer curtain* tal-*master bedroom*. Kien qiegħed jikkontesta l-għoli ta' dawn il-purtieri. F'dan l-istadju, l-installaturi qalulu li d-differenza fl-għoli tax-*sheer curtains* kienet għar-raġuni li kien minn naħa għal oħra tal-kamra, kien hemm varjazzjoni fid-distanza bejn l-art u s-saqaf. Muscat qal li l-konvenut beda jmerih u nsista li ma kienx hemm din il-varjazzjoni. Meta Muscat ħareġ ir-rutella biex ikejjel, il-konvenut qallu li dak ma kienx mod tajjeb biex ikejjel u *laser* kien aħjar.

Muscat kompla jgħid li f'dak il-punt, huwa offra lill-konvenut li jaġġustaw il-purtieri, iżda l-konvenut irrifjuta u qal li l-affarijiet messhom saru sewwa minnufih.

Muscat qal li kompla jipprova jispjega lill-konvenut li kien hemm varjazzjoni fid-distanza bejn l-art u s-saqaf. Il-konvenut kompla jinsisti li kellu jintuża *laser* biex jittieħdu l-qisien. Imbagħad, Muscat qallu li fl-industrija, dejjem tintuża rutella. Il-konvenut fittex strument li jieħu l-qisien bil-*laser* u meta għamel użu mill-istrument, inzerta li veru kien hemm varjazzjoni fid-distanza bejn l-art u s-saqaf minn naħa għal oħra tal-kamra.

Ix-xhud kompla jgħid li meta l-impjegati tas-soċjetà attriċi ċemplulu, ix-xogħol kien essenzjalment lest. Meta hu mar fuq il-post, sab lill-konvenut ma' ommu u maz-zija tiegħu u rah jaġixxi b'mod irrazzjonali. Inoltre, qal li kien offensiv u aggressiv versu l-impjegati tas-soċjetà attriċi. Minn dik il-ġurnata 'l quddiem, il-konvenut beda jitlob flusu lura. Barra minn dan, omm il-konvenut bdiet teżamina l-purtieri u qalet lix-xhud li x-xogħol kien ħażin. Iżda ġara li meta x-xhud staqsa lil omm il-konvenut jekk kellhiex esperjenza fil-ħjata, din wieġbet li ma kellha ebda esperjenza fil-ħjata.

Isaac Muscat, impjegat tas-soċjetà attriċi, qal li wara li sar ix-xogħol kollu, il-klijent deher kuntent, sakemm ġiet ħdejh mara li aktarx kienet iz-zija tiegħu. Din il-mara bdiet tistaqsi dwar l-għoli tal-purtieri u qalet li dan ma kienx korrett. Deher li dan kollu biddel il-ħsieb tal-konvenut, li mbagħad deher xejn kuntent. Ix-xhud spjega li l-qisien ittieħdu meta saret l-ewwel *site visit*, iżda mbagħad, dakinhar tal-installazzjoni, billi beda jkun hemm diżgwid, reġgħu ttieħdu l-qisien. Il-konvenut ħa xi qisien ukoll. Ix-xhud qal li meta l-konvenut ħa l-qisien, irriżultalu li kien hemm varjazzjonijiet fid-distanza bejn l-art u s-saqaf. Ix-xhud qal

li l-konvenut donnu ried jemmen li min għamel il-*gypsum* tas-saqaf għamel xoghol perfett, iżda l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi qalulu li kien hemm *dip* li rriżultat mill-fatt li l-qisien mill-art għas-saqaf kienu differenti. Huwa qal li mbagħad, il-konvenut kejjel huwa wkoll u sab madwar ċentimetru varjazzjoni. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi kienet lesta tagħmel aġġustamenti biex tikkuntenta lill-klijent iżda hu donnu ma riedx. Hemm, beda jsir erratiku u ma baqax raġjonevoli, tant li talab flusu lura.

Cedric Muscat xehed li kien installatur mas-soċjetà attriċi. F'dan il-każ, ix-xogħol tiegħu kien biss li jwaħħal ir-*rail*. Huwa qal li meta tlestiet kamra minnhom (jiġifieri twaħħlet ir-*rail* u ddendlu l-purtieri), il-konvenut, li kien sid il-post, faħħar ix-xogħol. Imbagħad, il-konvenut ħareġ mill-kamra u baqgħet hemm mara li aktarx tiġi mill-konvenut. Xi ħin wara, il-konvenut daħal lura rrabjat u qal li x-xogħol ma kienx jogħġbu. Din il-bidla fil-ħsieb saret wara li kellu kuntatt ma' dik il-mara. Huwa qal ukoll li ra l-varjazzjonijiet fil-qisien.

Mathieu Salomon qal li talab liz-zija tiegħu tfittixlu lil xi ħadd li seta' jagħmillu l-purtieri għal żewġt ikmamar u qal li qalilha li kellu *budget* ta' madwar erbat elef Ewro. Hija ssuġġeriet lis-soċjetà attriċi. Dakinhar tal-installazzjoni, kien mitlub jistenna li titlesta l-installazzjoni qabel jidħol jispezzjonahom. Huwa ta l-flus liz-zija tiegħu li kienet qed tieħu ħsieb kollox. Hija qaltlu ma jidħolx fil-kamra sakemm titlesta l-installazzjoni tal-purtieri għax riditha tkun sorpriża għalih. Wara li twaħħlu l-purtieri, huwa, li f'dak il-ħin kien fuq ix-xogħol (iżda kien jaħdem viċin ħafna tal-fond relattiv), mar id-dar jagħti titwila wara li rċieva telefonata. Huwa qal li r-reazzjoni inizjali tiegħu kienet pożittiva u kienet iz-zija tiegħu li qaltlu dwar id-difett rigward it-tul tal-purtieri. Il-konvenut xehed li s-soċjetà attriċi qaltlu li dak id-difett seta' jitranġa, iżda iħalli madwar ġimgħatejn sakemm il-purtieri jissetiljaw f'posthom, billi kienu purtieri tqal. Ix-xhud spjega li tant Isaac Muscat kien edukat miegħu li saħansitra x-xhud tah aktar flus bħala ħlas għad li x-xogħol (skont ix-xhud) kien għadu mhux komplut. Hawn, ix-xhud qal li wara li telaq Isaac Muscat, kellu ċ-ċans jara l-purtieri sewwa. Ġara, iżda, li madwar għaxar minuti wara li telaq Isaac Muscat, dan l-istess Isaac Muscat ċempillu u rritorna. Huwa qal li ma ħallasx il-pagament finali għar-raġuni li l-ftehim kien li jistennew ġimgħatejn sakemm il-purtieri jissetiljaw f'posthom.

Ftit wara, ix-xhud ċempel lil dak li għamillu l-*gypsum* u talbu jżur l-appartament, in vista tal-kritika li beda jagħmel Yves Muscat dwar il-*gypsum*. Eventwalment, l-argument eskala tant li x-xhud qal li Yves Muscat hedded passi legali kemm-il darba ma jitħallasx.

Nathalie Fenech, omm il-konvenut, xehdet li meta rat il-purtieri mdendlin u rat li l-kfief tagħhom kellhom tulijiet differenti. Hija qalet li Yves Muscat kellu atteġġjament aggressiv u essenzjalment qalilha li ma kinitx tifhem fil-purtieri. Min-naħa tagħha, ix-xhud qalet li kellha tletin sena esperjenza fid-drappijiet. Abbażi ta' din l-esperjenza, qalet li d-drapp tal-purtieri ma kienx tajjeb. Hija spjegat li għalkemm kienu purtieri *blackout*, tant kien drapp oħxon li l-purtiera ma setgħetx tinfetaħ meta wieħed jiġbdilha l-ispaga.

Nadia Vella xehdet li kienet hi li żaret il-ħanut tas-soċjetà attriċi u kien lilha li ġie ssuġġerit id-drapp għall-purtieri. Hija qalet li għażlet id-drapp fuq suġġeriment ta' Isaac Muscat. Hija spjegat li fl-ewwel *site visit*, in-nies tas-soċjetà attriċi żaru l-fond biex jieħdu l-qisien u fit-tieni *site visit*, marru jwaħħlu l-purtieri. Mat-tieni żjara, ġew osservati xi difetti u kien hemm qbil li jħallu ġimgħatejn jgħaddu sakemm il-purtieri jissetiljaw f'posthom.

Noel Bonnici xehed li kien hu li għamel il-*gypsum* fis-soqfa tal-appartament relattiv. Darba fost l-oħrajn, il-konvenut sejjaħlu fuq il-post u hu mar bl-apparat li seta' jkejjel bil-*laser*. Dan ikkonferma li x-xogħol sar tajjeb u ma kien hemm ebda differenzi fl-għoli.

In kontro-eżami, kemm Yves Muscat, kif ukoll Isaac Muscat qablu li meta offrew soluzzjoni lill-konvenut, qalulu dan fis-sens li r-rimedju kellu jinstab wara li jgħaddu ġimgħatejn biex il-purtieri jistrieħu, u mbagħad, jaraw wara.

In kontro-eżami, il-konvenut ikkonferma li zitu, Nadia Vella, issuġġerietlu li jqabbad lis-soċjetà attriċi. Huwa qal li fil-preżent (jiġifieri mil-mument li kien qiegħed jixhed), il-purtieri kienu għadhom f'posthom. Huwa kkonferma li it-*3D self-levelling laser* li ġie wżat biex huwa jara hemmx diżlivelli rriżulta f'konstatazzjoni li fil-fatt, ma kien hemm ebda diżlivell. Ix-xhud ikkonferma li l-prezz kien ta' €4,500 għal żewġ settijiet ta' purtieri (jiġifieri l-purtieri mertu ta' din il-kawża u purtieri oħrajn).

Sar il-kontro-eżami ta' Nathalie Fenech u mbagħad sar il-kontro-eżami ta' Nadia Vella.

## <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal jirreferi *in extenso* għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***<u>Raphael Micallef vs. Anthony Agius</u>*** (deċiża fid-9 ta' Ġunju 2004) u jiċċita s-segwenti bran:

"*Ibda biex, u dan imprexxindibilment minn kwalsiasi kolpa, hu dmir tal-appaltatur, skont il-principji generali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, illi dan ghandu jassikura li x-xoghol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li l-quddiem juri difetti. B'obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengha" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).*

*Dan stabbilit, "jekk hu jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent" (Kollez. Vol. XL P I p 485). Jinkombi fuqu b'dover "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidità e contrarii alle buone regole dell' arte" (Kollez. Vol. XXV P I p 727). Jinsab fil-fatt dettat illi hu "m'ghandux japprofitta ruhu min-negligenza tal-arkitett u jittrasgredixxi d-dettami tal-arti edilizja" (Kollez. Vol. XLVI P III p 746).*

*Gie deciz ukoll illi "l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-esekuzzjoni hazina tax-xoghol; u dan avolja s-sorveljanza ta' dan ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xoghol ikun il-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anke jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. In effetti l-perit kolpevoli ta' difett ta' sorveljanza ghandu rigress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta' lavorazzjoni." (Kollez. Vol. XXXVII P III p 883).*

*Dan jikkombaccja mal-hsieb anterjorment professat illi "l' impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l'appaltatore dal prestare quella diligenza e quella*

*perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).*"

It-Tribunal iqis li applikabbli għal dan il-każ huwa l-Art. 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jgħid li jekk il-ħaġa mibjugħa ma tkunx tal-kwalità pattwita, ix-xerrej jista' jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew alternattivament jirċievi l-ħaġa bi prezz orħos. Jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut (fol. 60) li huwa qiegħed jagħżel li jieħu flusu lura u ser jagħti lura l-purtieri. Iżda min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-purtieri għadhom imwaħħlin f'posthom u għadhom ma ġewx irritornati lis-soċjetà attriċi. Meta wieħed iqis li dan il-każ ilu għaddej minn Ġunju 2021, huwa ċar li l-konvenut kellu ħafna ħin sabiex jagħti lura l-purtieri (jew għallinqas jippreżentahom permezz ta' ċedola ta' depożitu), iżda m'hemmx prova li għamel dan. Fid-dawl ta' dan, huwa ovvju li dan it-Tribunal ma jistax *sua sponte* jordna lill-konvenut jirritorna l-purtieri. Dan it-Tribunal huwa marbut bil-parametri tal-kawża u jista' biss jilqa' jew jiċħad it-talba prinċipali u jilqa' jew jiċħad il-kontro-talba.

Għalhekk, ladarba l-konvenut għadu ma kkonkretizzax l-allegata intenzjoni tiegħu li jeżerċita l-possibilità li jirritorna l-purtieri, jifdal biss it-triq l-oħra – jiġifieri li jirċievi l-ħaġa bi prezz orħos. Effettivament, din hija xi ħaġa li huwa diġà għamel billi rrifjuta li jħallas l-aħħar pagament, li huwa fil-fatt l-ammont li talbet is-soċjetà attriċi fl-Avviż tat-Talba.

Huwa notevoli li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi qatt ma qalu ċar u tond li x-xogħol minnhom magħmul kien skont l-arti u s-sengħa. Huma ffukaw fuq l-attitudni tal-konvenut u fuq l-allegat diżlivell li skonthom kien il-kawża tal-ilmenti tal-konvenut. It-Tribunal jgħid, f'dan l-istadju, li *siccome* jirriżulta mill-provi li saru żewġ *site visits* – l-ewwel waħda sabiex is-soċjetà attriċi tieħu l-qisien u t-tieni waħda sabiex jitwaħħlu l-purtieri – is-soċjetà attriċi messha ndunat bl-allegat diżlivell fl-ewwel *site visit*. Ma kienx sewwa li tinduna bl-allegat diżlivell biss meta twaħħlu l-purtieri, u mbagħad toffri lill-konvenut li taġġusta l-purtieri. L-affarijiet messhom saru sewwa mill-ewwel. Dan aktar u aktar meta skont Yves Muscat, tal-purtieri jkunu l-aħħar nies fil-fond, jiġifieri persuni li jidħlu wara li kulħadd – inkluż tal-madum u tal-*gypsum* – ikunu lestew xogħolhom.

Għalhekk, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, it-Tribunal jemmen li huwa minnu li s-soċjetà attriċi naqset f'dan ir-rigward.

Dwar id-drapp innifsu u l-ħxuna tiegħu, is-soċjetà attriċi ma ppreżentatx provi. Ix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi tittratta biss dak li ġara fir-rigward tat-twaħħil tal-purtieri u l-kwistjoni tal-allegat diżlivell.

It-Tribunal huwa konvint, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, li huwa minnu li s-soċjetà attriċi messha ħadet il-qisien sewwa sabiex il-purtieri jsiru sewwa mill-ewwel. It-Tribunal huwa wkoll konvint, anki fin-nuqqas ta' provi għall-kuntrarju, li s-soċjetà attriċi messha tat gwida aħjar dwar l-aħjar drapp għall-purtieri.

Madankollu, it-Tribunal ma jemminx li l-konvenut ma ħa assolutament ebda benefiċċju mis-servizzi reżi, u għalhekk, filwaqt li ser jiċħad it-talba prinċipali tas-soċjetà attriċi, mhuwiex ser jakkolji l-kontro-talba fl-intier tagħha.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jiċħad it-talba prinċipali tas-soċjetà attriċi fl-intier tagħha;

ii. Jilqa' l-kontro-talba limitatament għall-ammont ta' elf Ewro (€1,000) u jikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata sabiex tirrifondi dan l-ammont lill-konvenut rikonvenzjonanti.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha marbutin mat-talba prinċipali għandhom jitħallsu mis-soċjetà attriċi filwaqt li l-ispejjeż kollha marbutin mal-kontro-talba għandhom jitħallsu fil-proporzjon ta' żewġ terzi mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata u terz mill-konvenut rikonvenzjonanti.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**